# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 30 ta' Lulju, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Cassar)**

**Vs**

**Giuseppe Fichera**

**Drogi Nru: 39/2018**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Giuseppe Fichera, u detentur tal-karta ta' l-identita' Taljana bin-numru AU0221756.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer bejn il-lejl ta' l-1 ta' April, 2017 u t-2 ta' April, 2017.

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma' kellu licenzja mill-President ta'

Malta minghajr ma’ kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma’ kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima ta’ l-ordinanza imsemmija u minghajr ma’ kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanefattura jew iforni d-droga imsemmija u minghajr ma’ kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikati fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma’ kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma’ kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifatura, jew li tforni d-droga imsemmija u meta ma’ kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provduta fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijieta’ ta’ Malta.

Rat l-Ordni ta’l-Avukeat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokuementi esebieti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni ta’l-imputat mal-pulizija, u l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fedina penali netta ta’l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament 9 ta’l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939 fuq ammissjoni ssib l-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**